

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-11 ta' Novembru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Krajský soud v Brně – Ir-Repubblika Ċeka) – ELVOSPOL vs Odvolací finanční ředitelství**

(Kawża C-398/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 90 – Tnaqqis tal-valur taxxabli tal-VAT – Nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali tal-prezz minħabba l-falliment tad-debitur – Kundizzjonijiet imposti minn leġiżlazzjoni nazzjonali għar-rettifika tal-VAT tal-output – Kundizzjoni li ttiprovdi li l-kreditu parzjalment jew totalment mhux imħallas ma għandux jinħoloq matul il-perijodu ta' sitt xhur qabel id-dikjarazzjoni ta' falliment tal-kumpannija debitorici – Nuqqas ta' konformità)*

(2022/C 11/15)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Krajský soud v Brně

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: ELVOSPOL

Konvenut: Odvolací finanční ředitelství

**Dispożittiv**

L-Artikolu 90 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tissuġġetta r-rettifika tal-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-kundizzjoni li l-kreditu parzjalment jew totalment mhux imħallas ma jkunx inħoloq matul il-perijodu ta' sitt xhur qabel id-dikjarazzjoni ta' falliment tal-kumpannija debitorici, meta din il-kundizzjoni ma tippermettix li jiġi eskluż li dan il-kreditu jista' finalment ikun ta' natura definittivament irrekuperabbli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 359, 26.10.2020.

**Appell ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2021 minn Sun Stars & Sons Pte Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-12 ta' Mejju 2021 fil-Kawża T-638/19, Sun Stars & Sons vs EUIPO – Valvis Holding (AC AQUA AC)**

(Kawża C-424/21 P)

(2022/C 11/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Sun Stars & Sons Pte Ltd (rappreżentant: M. Maček, odvetnica)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea, Valvis Holding SA

Permezz ta' digriet tal-11 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma kienx ammess u li Sun Stars & Sons Pte Ltd għandha tbatli l-ispejjeż tagħha stess